**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 1100/2019 GM**

**Carmelo Vella**

**vs**

1. **Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Pio Vella, u b' digriet tal-14 ta' Jannar 2020 ġew nominati Dr Josette Sultana u PL Joline Pace Ciscaldi bħala kuraturi deputati.**

2. **Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Anthony Vella u b'digriet tal-14 ta'Jannar 2020 ġew nominati Dr Victor Bugeja u PL Gerald Bonello bħala kuraturi deputati.**

3. **Dolores sive Doris miżżewġa Gauci K.I. 371656M.**

4. **Sebastian Vella K.I. 382357M.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur Carmelo Vella li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

DIKJARAZZJONI

1. Huwa, flimkien ma' erba' ħutu oħra huma l-eredi universali ta' missierhom Paolo Vella (KI: 734126M) li miet fl-4 ta' Lulju 2001 f'San Ġiljan - Dok 1.

2. Dan il-wirt għadu sal-lum il-ġurnata m'għaddiex f'idejn l-esponenti u ħutu

3. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

RAĠUNI TAT-TALBA

1. Huwa, flimkien ma' erba' ħutu oħra huma l-eredi universali ta' missierhom Paolo Vella (KI: 734126M) li miet fl-4 ta' Lulju 2001 f'San Ġiljan.

2. Dan il-wirt għadu sal-lum il-ġurnata m'għaddiex f'idejn l-esponenti u ħutu.

3. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-wirt in kwestjoni jaqa' f'idejn l-esponenti u ħutu kollha hekk kif iddikjarat fil-liġi relattiva.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Dolores sive Doris Gauci u Sebastian Vella li permezz tagħha eċċepew illi :

Eċċeżżjonijiet Preliminari

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari jiġi rilevat illi l-konvenut Anthony Vella huwa resident f'Malta u ilu residenti f'Malta għal tal-inqas dawn l-aħħar tnax-il (12) sena. Għaldaqstant l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif dan ġie dikjarat mill-attur bħala assenti jew residenti f'pajjiż esteru meta fil-fatt huwa stess jaf li ma huwiex;

2. Fit-tieni lok u in linea preliminari r-rikors maħluf huwa irritu u null in bażi tal-artikolu 789 (i) (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi mhux konformi mal-forma meħtieġa u mfassla fl-artikolu 156 tal-istess Kap. 12;

3. Fit-tielet lok, u b'żieda mal-premess, din il-kawża hija wkoll irritwali in kwantu m'hi ser issarraf f'ebda' utilita' ġuridika għall-attur u lanqas ma jista' jingħad illi hija pre-ordinata għal xi azzjoni ġudizzjarja oħra;

4. Fir-raba' lok, din il-Qorti hija nkompetenti sabiex tisma' dan il-każ billi dikjarazzjonijiet għal ftuħ tas-suċċessjoni għandhom jinġiebu, esklussivament, b'rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

5. Illi fil-ħames lok, jiġi wkoll eċċepit il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 845 (i) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Eċċezzjonijiet fil-Mertu

6. Fis-sitt lok, u fil-mertu, jiġi wkoll eċċepit illi din il-kawża saret għal kollox inutilment billi huwa prinċipju bażiku illi s-suċċessjoni ope testamentis tinfetaħ favur il-werrieta mal-mewt tat-testatur u ma hijiex meħtieġa l-ebda' dikjarazzjoni ta' qorti biex dan iseħħ;

7. Fis-seba' lok jingħad illi fil-fatt dan il-wirt ġja għadda f'idejn il-kontendenti, salv għal xi flejjes intestati f'ismu mal-Bank of Valletta plc li l-esponenti qatt ma opponew jew irreżistew li jiġu diviżi bejn il-kontendenti. Invece kien l-attur u l-konvenut l-ieħor Anthony Vella li dejjem raw kif ser jikkustinjaw u x'problemi ser jaqilgħu mal-esponenti;

8. Finalment jingħad, in vista' ta' dak kollu eċċepit hawn fuq, illi l-esponenti ma għandhom ibatu l-ebda spejjeż u imgħaxijiet kif qed jintalab mill-attur.

Rat ir-risposta Gurarnentata ta' Anthony Vella li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. L-eċċipjenti qiegħed jilqa' l-atti huwa stess in kwantu huwa regolarment residenti Malta u ghalhekk ma' hemmx ħtieġa li jiġi appuntat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tiegħu;

2. L-eċċipjenti jaqbel li l-assi ereditarji tal-ġenituri tiegħu jiġu diviżi, b'dana illi l-attur u jew il-partijiet kollha fil-kawża għandhom jagħmlu elenku u prospett tal-assi ereditarji kollha, inkluż assi li ttieħdu minn xi wħud minn l-aħwa kif ser jirriżultaw waqt il-ġbir tal-provi;

3. Il-Qorti għandha tara jekk bit-talba kif postulata minn l-attur hemmx kawtelati rikjesti għal appuntarnent ta' Nutar Pubbliku sabiex jagħmel l-eventwali atti pubbliċi wara li jkun imħejji pjan ta' qasma;

4. L-eccipjenti ma' ghandux ikun kostrett ihallas l-ispejjeż huwa, u l-ispejjeż ma' ghandhomx imorru skont l-ishma fl-eredita' kif ħafna drabi jsir f'kawżi ta' dina x-xorta, in kwantu ma kienx ħtija tal-esponenti li d-diviżjoni ma' saritx b'mod bonarju u volontarju;

Rat l-atti tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur jipremetti li huwa flimkien mal-erba' ħutu l-oħra (il-konvenuti) huma werrieta universali ta' missierhom; li l-wirt "m'għaddiex f'idej(hom)" u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

L-attur ma jispjegax x'irid ifisser meta jgħid li l-wirt m'għaddiex f'idejh u f'idejn ħutu. Wirt jinfetaħ – u jgħaddi għand il-werrieta - *ipso iure* mal-mewt tal-persuna, mingħajr il-ħtieġa ta' xi dikjarazzjoni minn xi Qorti. Fetaħ il-kawża kontra ħutu filwaqt li jallega li lanqas huma m'għadda f'idejhom il-wirt. Ma jgħidx x'hemm jew min hemm jostakola li "jgħaddi" l-wirt.

Waqt is-smigħ tal-kawża rriżulta li huwa itrasferixxa sehemu minn proprjeta` appartenenti lill-wirt li terza persuna. Kif seta' jagħmel dan jekk il-wirt "m'għaddiex" għandu? Tqassmu wkoll bejn il-werrieta l-flus li kien hemm iddepożitati f'Bank lokali. Hemm xi proprjeta` immobbli li għadha mhux maqsuma u l-attur jgħix f'waħda minnhom.

Sewwa jgħidu l-konvenuti Doris Gauci u Sebastian Vella fit-tielet eċċezzjoni tagħhom li din l-azzjoni m'għandha l-ebda utilita` ġuridika u għalhekk nulla.

M'hemmx dubju li l-attur qiegħed jabbuża bil-kbir bis-sistema tal-għajnuna legali biex jiftaħ kawża bla sens u bla bżonn. Ma messu qatt tħalla jgawdi dan il-

benefiċċju biex jiftaħ kawża bħal din.  Dan hu sors ieħor ta' kawża bla bżonn li qegħdin isoddu l-arterji ta' dawn il-Qrati.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet eċċezzjoni fuq imsemmija u tiddikjara din il-kawża irritwali u nulla.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA